MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 268/2013

**Carmelo Fenech**

**Vs**

**Romina Magro**

Permezz ta’ rikors guramentat prezentat fl-20 ta’ Marzu 2013 l-attur ippremetta li hu kreditur tal-konvenuta fis-somma ta’ hmistax-il elf u hames mitt ewro (€15,500) ammont li ssellfet minghandu, in kwantu ghal:-

i. €5,000 skrittura privata tad-29 ta’ Lulju 2011 li kellu jithallas lura fil-15 ta’ Settembru 2011;

ii. €5,000 skrittura privata tas-16 ta' Awissu 2011 li kellu jithallas lura fis-16 ta' Settembru 2011;
iii. €5,000 skrittura privata tad-9 ta' Settembru 2011 li kellu jithallas lura fid-9 ta' Ottubru 2011;
iv. €500 li kellu jithallas lura fid-9 ta' Ottubru 2011;

L-attur talab li l-qorti tisma' l-kawza bil-procedura sommarja (Artikolu 167 tal-Kap. 12) u sabiex:-

1. Tiddikjara li l-konvenuta hi debitrici tieghu fis-somma ta' hmistax-il elf u hames mitt ewro (€15,500) bl-imghax.
2. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallsu s-somma ta' hmistax-il elf u hames mitt ewro (€15,500) bl-imghax.

Fis-seduta tal-lum xehedet il-konvenuta li fost'affarijiet ohra ddikjarat li:-

i. B'kollox issellfet is-somma ta' €15,500 minghand l-attur.
ii. S'issa mill-ammont dovut hallset biss is-somma ta' €700.

Waqt is-seduta l-attur iddikjara li kien qieghed jirriduci s-somma mitluba bl-ammont ta' sebgha mitt ewro (€700) sabiex b'hekk l-ammont dovut mill-kovenuta hu ta' erbatax-il elf u tmien mitt ewro (€14,800).

Billi mid-deposizzjoni ta' Romina Magro hu altru milli evidenti li hi debitrici tal-konvenut fis-somma fuq imsemmija u ghalhekk it-talbiet tal-attur huma gustifikati, **tilqa' t-talbiet u:-**

**1. Tiddikjara lill-konvenuta debitrici tal-attur fl-ammont ta' erbatax-il elf u tmien mitt ewro (€14,800), b'dan li l-imghax fuq €5,000 jiddekorri mill-15 ta' Settembru 2011 (skrittura tad-29 ta' Lulju 2011), fuq €5,000 jiddekorri mis-16 ta' Settembru 2011 (skrittura tas-16 ta' Awissu 2011), fuq €5,000 jiddekorri mid-9 ta' Ottubru 2011 (skrittura privata tad-9 ta' Settembru 2011) u fuq €500 b'effett mil-lum.**
**2. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur l-ammont fuq imsemmija.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenuta b'dan li peress li kellha l-ghajnuna legali japplika l-Artikolu 920 tal-Kap. 12.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------